

Brussell, 13 ta' Marzu 2026
(OR. en)

7311/26

EF 74
ECOFIN 342
DELECT 50

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	23 ta' Frar 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 80 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'12.3.2026 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2023/2631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kriterji għall-valutazzjoni tal-adeqwatezza u l-effettività tas-sistemi, ir-riżorsi u l-proċeduri tar-rieżaminaturi esterni, il-funzjoni tal-konformità tagħhom, il-politiki u l-proċeduri interni, il-metodoloġiji tal-valutazzjoni u l-informazzjoni użata għar-rieżamijiet, kif ukoll l-informazzjoni u l-forma u l-kontenut tal-applikazzjonijiet għar-rikonoxximent tar-rieżaminaturi esterni ta' pajjiż terz

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 80 final.

Mehmuż: C(2026) 80 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.3.2026
C(2026) 80 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'12.3.2026

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2023/2631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kriterji għall-valutazzjoni tal-adeqgatezza u l-effettività tas-sistemi, ir-riżorsi u l-proċeduri tar-rieżaminaturi esterni, il-funzjoni tal-konformità tagħhom, il-politiki u l-proċeduri interni, il-metodoloġiji tal-valutazzjoni u l-informazzjoni użata għar-rieżamijiet, kif ukoll l-informazzjoni u l-forma u l-kontenut tal-applikazzjonijiet għar-rikonoxximent tar-rieżaminaturi esterni ta' pajjiż terz

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament (UE) 2023/2631 dwar il-Bonds Ekoloġiċi Ewropej u d-divulgazzjonijiet fakultattivi għall-bonds ikkummerċjalizzati bħala ambjentalment sostenibbli u għall-bonds marbuta mas-sostenibbiltà jistabbilixxi l-Istandard Ewropew għall-Bonds Ekoloġiċi. L-użu ta' dan l-istandard huwa volontarju, u huwa mfassal biex jikkomplementa l-istandards eżistenti tas-suq. Permezz ta' "sistema monetarja awrea" ġdida, din l-ġhodka hija mistennija li b'mod ġenerali trawwem l-ambizzjoni fis-suq għall-bonds ekoloġiċi, filwaqt li tixpruna l-istandardizzazzjoni, iżżid it-trasparenza u taċċerta lill-investituri billi tindirizza l-greenwashing.

L-Istandard Ewropew għall-Bonds Ekoloġiċi jiddependi fuq il-kriterji dettaljati tat-Tassonomija tal-UE biex jiddefinixxi l-attivitajiet ekoloġiċi ekonomiċi, u jirrikjedi li 85 % tar-rikavati tal-bond jintużaw biex jiffinanzjaw attivitajiet li huma allinjati mal-kriterji ta' skrinjar tekniku tat-Tassonomija tal-UE. Dan jiżgura livelli ta' trasparenza f'konformità mal-aħjar prattika tas-suq u jirrikjedi s-superviżjoni tal-kumpaniji li jwettqu rieżamijiet ta' qabel u ta' wara l-ħruġ tal-Bonds Ekoloġiċi Ewropej fil-livell tal-UE. Dan il-kompitu tal-aħħar ingħata lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA, European Securities and Markets Authority).

Wara l-21 ta' Ġunju 2026, kwalunkwe kumpanija li tfittex li tipprovdi servizzi ta' rieżami estern skont ir-Regolament (UE) 2023/2631 se jkollha tiġi rreġistrata mal-ESMA u tkun taħt is-superviżjoni tagħha. Ir-Regolament jagħti s-setgħa lill-ESMA biex tiżviluppa standards tekniċi regolatorji u standards tekniċi ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw ċerti dispożizzjonijiet għal rieżaminaturi esterni.

L-istandards tekniċi regolatorji stabbiliti f'dan ir-Regolament Delegat ikopru s-setgħat fl-Artikolu 26(3), l-Artikolu 29(4), l-Artikolu 30(3), l-Artikolu 31(4) u l-Artikolu 42(9) tar-Regolament (UE) 2023/2631. Dawn huma relatati ma' xi prinċipji ġenerali li għandhom jiġu segwiti mir-rieżaminaturi esterni, il-funzjoni tal-konformità, il-politiki u l-proċeduri interni, il-metodoloġiji ta' valutazzjoni u l-informazzjoni użata għar-rieżamijiet, kif ukoll l-informazzjoni u l-forma u l-kontenut tal-applikazzjonijiet għar-rikonossiment minn rieżaminaturi esterni prospettivi minn pajjiżi terzi.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Fis-7 ta' April 2025, l-ESMA ppubblikat dokument ta' konsultazzjoni dwar dawn l-istandards tekniċi regolatorji, kif ukoll standard tekniku ta' implimentazzjoni, biex tispjega r-raġunament sottostanti għall-proposti tagħha u biex tiġbor il-kontribut mill-partijiet ikkonċernati. Il-konsultazzjoni pubblika ta' 8 ġimgħat għalqet fit-30 ta' Mejju 2025. Matul dan il-perjodu, l-ESMA talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq (SMSG - Securities and Markets Stakeholder Group). Ir-rapport finali tagħha lill-Kummissjoni kien jinkludi l-abbozz rivedut tal-istandards tekniċi regolatorji u ta' implimentazzjoni li jqisu l-feedback li ġie sottomess lill-ESMA.

L-ESMA rċeviet total ta' 15-il tweġiba (li 7 minnhom kienu kunfidenzjali) minn fornituri ta' servizzi tal-awditjar, kontabilistiċi u tal-assigurazzjoni, konsulenti dwar is-sostenibbiltà u fornituri ta' opinjoni ta' tieni parti, aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu, korpi tal-ittejtjar, tal-ispezzjoni u tal-valutazzjoni taċ-ċertifikazzjoni u

assoċjazzjonijiet rispettivi, kif ukoll minn istituzzjoni bankarja waħda. It-tmien kontribuzzjonijiet mhux kunfidenzjali huma disponibbli fuq is-sit web tal-ESMA.

Ir-rispondenti għall-konsultazzjoni pubblika appoġġaw b'mod wiesa' l-proposti tal-ESMA. Sommarju aktar dettaljat tal-feedback jinsab fir-rapport finali ppubblikat fuq is-sit web tal-ESMA.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

L-Artikolu 1 jikkonċerna l-kriterji li r-rieżaminaturi esterni jeħtieġ li jissodisfaw fir-rigward tal-adeqwatezza u l-effettività tas-sistemi, ir-riżorsi u l-proċeduri tagħhom. L-Artikolu 2 jistabbilixxi l-kriterji għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' dawn is-sistemi, ir-riżorsi u l-proċeduri. L-Artikoli 3 sa 5 ikopru l-funzjonijiet ta' konformità fi ħdan ir-rieżaminaturi esterni, kif ġej: L-Artikolu 3 jispeċifika l-kriterji għall-valutazzjoni tal-awtorità tal-funzjoni għall-konformità; L-Artikolu 4 jistabbilixxi l-kriterji għall-valutazzjoni tar-riżorsi u l-għarfien espert tal-funzjoni għall-konformità; u l-Artikolu 5 jistabbilixxi l-kriterji għall-valutazzjoni tal-kapaċità tal-funzjonijiet ta' konformità li jaċċessaw l-informazzjoni rilevanti.

L-Artikolu 6 jikkonċerna l-kriterji li għandhom jiġu vvalutati marbuta mas-solidità tal-proċeduri amministrattivi u kontabilistiċi tar-rieżaminaturi esterni. L-Artikolu 7 jistabbilixxi l-kriterji marbuta mas-solidità tal-mekkaniżmi ta' kontroll intern tagħhom u l-Artikolu 8 jistabbilixxi l-kriterji relatati mal-effettività tal-arranġamenti ta' kontroll u salvagwardja għas-sistemi tal-ipproċessar tal-informazzjoni.

L-Artikoli 9 u 10 jkopru r-rekwiżiti marbuta mal-metodoloġiji u l-informazzjoni li r-rieżaminaturi esterni jużaw għar-rieżamijiet tagħhom, kif ġej: L-Artikolu 9 jispeċifika l-kriterji għall-valutazzjoni ta' kwalità suffiċjenti tal-informazzjoni; u l-Artikolu 10 il-kriterji għall-valutazzjoni tal-affidabbiltà tas-sorsi ta' informazzjoni.

L-Artikolu 11 jistabbilixxi l-format li għandu jiġi segwit għall-applikazzjoni għar-rikonoxximent bħala rieżaminatur estern ta' pajjiż terz tal-Bonds Ekoloġiċi Ewropej. L-Artikolu 12 jistabbilixxi d-data tad-dħul fis-seħħ tal-Att Delegat.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI TAL-ATT DELEGAT

Dan l-Att Delegat mhuwiex mistenni li jkollu impatt fuq il-baġit tal-UE.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'12.3.2026

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2023/2631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kriterji għall-valutazzjoni tal-adeqwatezza u l-effettività tas-sistemi, ir-riżorsi u l-proċeduri tar-rieżaminaturi esterni, il-funzjoni tal-konformità tagħhom, il-politiki u l-proċeduri interni, il-metodoloġiji tal-valutazzjoni u l-informazzjoni użata għar-rieżamijiet, kif ukoll l-informazzjoni u l-forma u l-kontenut tal-applikazzjonijiet għar-rikonnoxximent tar-rieżaminaturi esterni ta' pajjiż terz

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2023/2631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-22 ta' Novembru 2023 dwar il-Bonds Ekoloġiċi Ewropej u d-divulgazzjonijiet fakultattivi għall-bonds ikkummerċjalizzati bħala ambjentalment sostenibbli u għall-bonds marbuta mas-sostenibbiltà¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 26(3), it-tielet subparagrafu, l-Artikolu 29(4), it-tielet subparagrafu, l-Artikolu 30(3), it-tielet subparagrafu, l-Artikolu 31(4), it-tielet subparagrafu u l-Artikolu 42(9), it-tielet subparagrafu tiegħu,

Billi:

- (1) Sabiex jiġu żgurati l-adeqwatezza u l-effettività tas-sistemi, tar-riżorsi u tal-proċeduri tagħhom, ir-rieżaminaturi esterni jenħtieġ li jikkunsidraw b'mod komprensiv l-arranġamenti interni tagħhom, mir-robustezza tas-sistemi ta' informazzjoni sas-suffiċjenza tar-riżorsi umani, tekniċi u materjali. Ir-rieżaminaturi esterni jenħtieġ li jiżviluppaw qafas ta' valutazzjoni robust bħala parti mill-proċeduri tagħhom, li jenħtieġ li jinkludi l-kriterji minimi li għandhom jiġu applikati għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-informazzjoni u l-affidabbiltà tas-sors użati fl-attivitàjiet ta' valutazzjoni.
- (2) Għall-istess raġuni, kwalunkwe nuqqas tas-sistemi, riżorsi u proċeduri identifikati meta jiġu mmonitorjati u evalwati l-adeqwatezza u l-effettività tagħhom jenħtieġ li jiġi rreġistrat, rimedjat u rrapportat b'mod adegwat, u l-membri tal-korp maniġerjali tar-rieżaminatur estern jenħtieġ li jissorveljaw l-azzjonijiet korrettivi.
- (3) Sabiex il-funzjoni ta' verifika tal-konformità jkun jista' jkollha l-awtorità li twettaq ir-responsabbiltajiet tagħha kif suppost u b'mod indipendenti, ir-rieżaminaturi esterni jenħtieġ li jkollhom politika jew politiki dwar il-funzjoni ta' verifika tal-konformità

¹ Ir-Regolament (UE) 2023/2631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Novembru 2023 dwar il-Bonds Ekoloġiċi Ewropej u d-divulgazzjonijiet fakultattivi għall-bonds ikkummerċjalizzati bħala ambjentalment sostenibbli u għall-bonds marbuta mas-sostenibbiltà (ĠU L, 2023/2631, 30.11.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2631/oj>).

approvati mill-bord u l-preżenza tal-funzjoni ta' verifika tal-konformità fl-istrutturi organizzazzjonali rilevanti tar-rieżaminatur estern, inklużi l-kumitat.

- (4) Sabiex jiġu ggarantiti r-riżorsi meħtieġa tal-funzjoni għall-konformità u sabiex il-funzjoni għall-konformità tkun tista' twettaq b'mod effettiv il-kompiti ta' monitoraġġ tagħha, ir-rieżaminaturi esterni jenħtieġ li jiddedikaw biżżejjed riżorsi tekniċi u umani għal din il-funzjoni.
- (5) Sabiex jiġi stabbilit l-għarfien espert meħtieġ tal-funzjoni għall-konformità, ir-rieżaminaturi esterni jenħtieġ li jiżguraw il-ħila u l-esperjenza kollettivi u aġġornati tal-persuni li jwettqu l-funzjoni għall-konformità, inkluż billi jivverifikaw jekk dawk il-persuni għandhomx l-istorja tal-impjeg u l-kwalifiki professjonali meħtieġa, u billi jipprovdu livelli għoljin biżżejjed ta' taħriġ intern.
- (6) Sabiex il-funzjoni għall-konformità jkun jista' jkollha aċċess għall-informazzjoni rilevanti kollha, ir-rieżaminaturi esterni jenħtieġ li jiżguraw li l-funzjoni għall-konformità tkun tista' tikseb informazzjoni mis-sorsi kollha li teħtieġ biex twettaq il-kompiti tagħha b'mod adegwat, inklużi rekords korporattivi u tal-funzjoni ta' kontroll, rapporti tal-awditjar, rapporti ta' żvelar ta' informazzjoni protetta u lmenti tal-klijenti. Minħabba l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-fornituri terzi ta' servizzi u unitajiet kummerċjali oħra jaderixxu mal-istess standards bħar-rieżaminatur estern innifsu, il-funzjoni ta' verifika tal-konformità jenħtieġ li jkollha wkoll aċċess għall-informazzjoni dwar kwalunkwe funzjoni esternalizzata jew linji operatorji oħra tar-rieżaminatur estern.
- (7) Sabiex tiġi żgurata s-solidità tal-proċeduri amministrattivi u kontabilistiċi tagħhom, ir-rieżaminaturi esterni jenħtieġ li jżommu rekords adegwati tal-avvenimenti kontabilistiċi rilevanti u jikkonformaw mal-istandards u r-regoli kontabilistiċi applikabbli.
- (8) Sabiex jinżammu mekkaniżmi ta' kontroll intern sodi, ir-rieżaminaturi esterni jenħtieġ li jimplimentaw sistema komprensiva ta' kontroll intern iffukata fuq il-ħolqien ta' ambjent ta' kontroll b'saħħtu u proporzjonat, il-ġestjoni effettiva tar-riskji, l-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' kontroll meħtieġa, l-iżgurar ta' flussi ċari ta' informazzjoni u komunikazzjoni u l-monitoraġġ kontinwu tal-attivitajiet.
- (9) Sabiex tiġi ggarantita l-effettività tal-arranġamenti ta' kontroll u ta' salvagwardja għas-sistemi tal-ipproċessar tal-informazzjoni, ir-rieżaminaturi esterni jenħtieġ li jimplimentaw qafas ta' kontroll għall-ġestjoni tar-riskju tal-ICT li jinkludi valutazzjonijiet tal-IT u tas-sigurtà tal-informazzjoni u l-ittejtjar ta' sistemi tal-ICT ta' riżerva biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-operat.
- (10) Sabiex jiġi żgurat li l-opinjoni tagħhom tkun ibbażata fuq analiżi bir-reqqa ta' informazzjoni li tkun ta' kwalità suffiċjenti u minn sorsi affidabbli, jenħtieġ li r-rieżaminaturi esterni japplikaw fil-metodoloġiji ta' valutazzjoni tagħhom kriterji speċifiċi għall-valutazzjoni ta' tali informazzjoni.
- (11) Sabiex tiġi evalwata l-kwalità tal-informazzjoni użata, ir-rieżaminaturi esterni jenħtieġ li jiżguraw li tali informazzjoni tkun kompluta, rilevanti, f'waqtha u bbażata fuq suppozzjonijiet raġonevoli, inkluż billi jiżguraw li tali informazzjoni ttiprovdi rappreżentazzjoni komprensiva tal-proġett iffinanzjat mill-bonds filwaqt li jitqiesu t-tip u s-settur tal-attivitajiet ekonomiċi. Għal din ir-raġuni, l-informazzjoni għandu jkollha konnessjoni diretta mal-karatteristiċi tal-bond, toffri riflessjoni preċiża tal-proġett iffinanzjat, tkun aġġornata u tikkunsidra l-limitazzjonijiet tat-tbassir u l-inċertezzi inerenti.

- (12) Sabiex tiġi evalwata l-affidabbiltà tas-sorsi, ir-rieżaminaturi esterni jenħtieġ li jiżguraw li daww is-sorsi jipprovdu informazzjoni oġġettiva u sostanzjata. Is-sorsi jenħtieġ li jkunu kredibbli u akkumpanjati minn dokumentazzjoni li tiddekrivi l-passi għall-ġbir u l-ipproċessar tal-informazzjoni, l-approċċ rigward ir-reviżjoni tad-data storika fejn applikabbli, u kwalunkwe limitazzjoni li taffettwa s-sors. Ir-rieżaminaturi esterni jenħtieġ li jagħtu prominenza xierqa lill-informazzjoni li tirriżulta minn rekwiżiti regolatorji jew lil informazzjoni soġġetta għal assigurazzjoni jew ċertifikazzjoni indipendenti, u lil standards rilevanti rikonoxxuti internazzjonalment, meta disponibbli.
- (13) Sabiex tiġi promossa l-komparabbiltà tal-informazzjoni miġbura, ir-rieżaminaturi esterni jenħtieġ li japplikaw il-kriterji għall-valutazzjoni tal-kwalità suffiċjenti tal-informazzjoni u l-affidabbiltà tas-sorsi ta' informazzjoni b'mod li jista' jitkejjel għal kull rieżami estern u għal kull sors ta' informazzjoni.
- (14) L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) jenħtieġ li tkun tista' tivvaluta jekk l-applikanti għar-rikonoxximent bħala rieżaminaturi esterni ta' pajjiż terz jissodisfawx il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 23(2) u 42(3) tar-Regolament (UE) 2023/2631, inklużi l-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/2180². Għal dik ir-raġuni, l-applikanti jenħtieġ li jipprovdu informazzjoni li tkun aġġornata u li tinkludi d-dettalji rilevanti kollha f'format ċar u mhux ambigwu.
- (15) Biex tissalvagwardja s-sigurtà u ttejjeb il-ġestjoni u l-użu tad-data, l-ESMA adottat mezz diġitali ta' reġistrazzjoni li jispeċifika l-informazzjoni, il-forma u l-kontenut tal-applikazzjoni għar-rikonoxximent bħala rieżaminatur estern ta' pajjiż terz tal-Bonds Ekoloġiċi Ewropej. Għalhekk, kwalunkwe informazzjoni sottomessa lill-ESMA f'applikazzjoni jenħtieġ li tkun tista' tinqara minn magna u f'mezz durabbli.
- (16) Biex jassistu lill-ESMA fl-identifikazzjoni tad-dokumenti li applikant ikun issottometta bħala parti mill-applikazzjoni għar-rikonoxximent bħala rieżaminatur estern ta' pajjiż terz, l-applikanti jenħtieġ li jipprovdu numru ta' referenza uniku li jikkorrispondi għal kull dokument.
- (17) Għall-finijiet ta' assigurazzjoni u ta' responsabbiltà, l-applikanti li japplikaw għar-rikonoxximent bħala rieżaminatur estern ta' pajjiż terz jenħtieġ li jikkomplementaw dik l-applikazzjoni b'ittra ffirmata minn membru tal-maniġment superjuri tagħhom, li tiċċertifika li l-informazzjoni sottomessa hija preċiża u kompluta sa fejn jaf dak il-membru.
- (18) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali. Jenħtieġ li l-ipproċessar ta' data personali għall-finijiet ta' dan ir-Regolament jitwettaq f'konformità mad-dritt tal-

² Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/2180 tat-12 ta' Settembru 2025 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2023/2631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' rieżaminaturi esterni, il-kriterji għall-valutazzjoni tal-ġestjoni soda u prudenti tar-rieżaminaturi esterni, l-adeqgatezza tal-għarfien, l-esperjenza u t-taħriġ tal-impjegati tar-rieżaminaturi esterni, u l-kundizzjonijiet li taħthom ir-rieżaminaturi esterni jistgħu jesternalizzaw l-attivitajiet ta' valutazzjoni tagħhom (ĠU L, 2025/2180, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/2180/oj).

Unjoni dwar il-protezzjoni ta' data personali. F'dak ir-rigward, jenħtieġ li kwalunkwe pproċessar ta' data personali mwettaq mill-ESMA fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jitwettaq f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³. Kwalunkwe pproċessar ta' data personali mwettaq minn entitajiet li japplikaw għar-rikonoxximent bħala rieżaminatur estern fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jitwettaq f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ u mar-rekwiżiti nazzjonali dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali.

- (19) Huwa meħtieġ li l-ESMA tkun tista' tivvaluta jekk applikant li japplika għar-rikonoxximent bħala rieżaminatur estern ta' pajjiż terz jikkonformax mal-kundizzjonijiet għal tali rikonoxximent, filwaqt li jiġu żgurati salvagwardji xierqa. Għal dik ir-raġuni, id-data personali relatata mal-applikanti għar-rikonoxximent bħala rieżaminatur estern ta' pajjiż terz jenħtieġ li tinżamm minn daww ir-rieżaminaturi esterni u mill-ESMA għal mhux aktar minn ħames snin wara li dak l-applikant ikun waqaf iwettaq il-funzjoni tiegħu. Għall-istess raġunijiet, meta l-ESMA tkun irrifjutat ir-rikonoxximent bħala rieżaminatur estern ta' pajjiż terz jew meta l-applikant ikun irtira l-applikazzjoni tiegħu għar-rikonoxximent bħala rieżaminatur estern ta' pajjiż terz, id-data personali relatata ma' dak l-applikant jenħtieġ li tinżamm mill-ESMA għal mhux aktar minn ħames snin wara r-rifjut tar-rikonoxximent tal-applikant jew wara l-irtirar tal-applikazzjoni.
- (20) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u pprova kummenti formali fid-19 ta' Novembru 2025,
- (21) L-istandards tekniċi regolatorji li għandhom jiġu adottati abbażi tas-setgħat stabbiliti fl-Artikolu 26(3), it-tielet subparagrafu, fl-Artikolu 29(4), it-tielet subparagrafu, fl-Artikolu 30(3), it-tielet subparagrafu, fl-Artikolu 31(4), it-tielet subparagrafu, u fl-Artikolu 42(9), it-tielet subparagrafu tar-Regolament (UE) 2023/2631 huma marbuta mill-qrib ma' xulxin, peress li kollha japplikaw għar-rieżaminaturi esterni. Sabiex tiġi żgurata l-koerenza bejn daww id-dispożizzjonijiet u biex tiġi ffaċilitata perspettiva komprensiva mir-rieżaminaturi esterni prospettivi tal-obbligi tagħhom skont ir-Regolament (UE) 2023/2631, daww l-istandards tekniċi regolatorji jenħtieġ li jiġu raggruppati f'Regolament Delegat wieħed.

³ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj>).

⁴ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj>).

- (22) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji ppreżentat mill-ESMA lill-Kummissjoni Ewropea f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵.
- (23) L-ESMA wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji li fuqu huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Kriterji għall-valutazzjoni ta' jekk ir-rieżaminaturi esterni jużawx is-sistemi, ir-riżorsi u l-proċeduri xierqa, adegwati u effettivi biex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont ir-Regolament (UE) 2023/2631

Il-kriterji għall-valutazzjoni tal-adeqwatezza u tal-effettività tas-sistemi, tar-riżorsi u tal-proċeduri użati mir-rieżaminaturi esterni biex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont ir-Regolament (UE) 2023/2631, kif imsemmi fl-Artikolu 26(1) ta' dak ir-Regolament, għandhom ikunu dawn li ġejjin:

- (a) is-sistemi li huma fis-seħħ jissalvagwardjaw is-sigurtà, l-integrità u l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni u jiżguraw il-kontinwità u r-regolarità fit-twettiq tar-rieżaminazzjoni ta' r-rieżaminaturi esterni;
- (b) ir-riżorsi umani, tekniċi u materjali użati huma biżżejjed biex jidentifikaw, jimmaniġġjaw, jimmonitorjaw u jirrapportaw ir-riskji:
- (i) li r-rieżaminatur estern huwa jew jista' jkun espost għalihom;
- (ii) ir-riskji li r-rieżaminatur estern joħloq jew jista' joħloq għal oħrajn;
- (c) il-proċeduri li huma fis-seħħ għall-applikazzjoni oġġettiva u konsistenti tal-metodoloġiji ta' valutazzjoni jinkludu l-elementi li ġejjin:
- (i) proċessi għall-ġbir ta' informazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva għall-attivitajiet ta' valutazzjoni, inkluż mill-emittent jew l-originator, sorsi pubbliċi jew partijiet terzi;
- (ii) miżuri biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet potenzjali fil-ġbir u l-valutazzjoni tal-informazzjoni;
- (iii) proċessi li jirregolaw ir-rieżami u r-rapportar ta' żbalji fil-metodoloġiji ta' valutazzjoni jew fl-applikazzjoni tagħhom;
- (iv) tekniki, metodi u protokollu għat-tfassil, l-ittestjar perjodiku u r-rieżami tal-attivitajiet ta' valutazzjoni, is-suppożizzjonijiet ewlenin u d-data tal-kejl.

⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84, [ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1095/oj](http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1095/oj)).

Artikolu 2

Kriterji għall-valutazzjoni ta' jekk ir-rieżaminaturi esterni jimmonitorjawx u jevalwawx l-adeqwatezza u l-effettività tas-sistemi, ir-riżorsi u l-proċeduri tagħhom

Il-kriterji għall-valutazzjoni ta' jekk ir-rieżaminaturi esterni jimmonitorjawx u jevalwawx l-adeqwatezza u l-effettività tas-sistemi, tar-riżorsi u tal-proċeduri tagħhom, kif imsemmi fl-Artikolu 26(2) tar-Regolament (UE) 2023/2631, għandhom ikunu dawn li ġejjin:

- (a) il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni jitwettqu minn funzjoni li hija indipendenti mil-linji operatorji;
- (b) il-miżuri biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fil-valutazzjonijiet tal-monitoraġġ jinkludu:
 - (i) ir-reġistrazzjoni f' mezz maħżun elettronikament ta' ksur, żbalji, ilmenti, inċidenti u kważi inċidenti;
 - (ii) id-determinazzjoni ta' azzjonijiet ta' rimedju għal ksur, żbalji, ilmenti, inċidenti u kważi inċidenti;
 - (iii) l-attribuzzjoni ta' entità jew persuna responsabbli għall-indirizzar ta' kull nuqqas;
 - (iv) ir-rapportar lill-maniġment superjuri, lill-korp superviżorju, jew lill-korp maniġerjali dwar il-progress fl-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati;
 - (v) l-iżgurar li l-korp maniġerjali jissorvelja l-implimentazzjoni f' waqtha tal-azzjonijiet korrettivi.

Artikolu 3

Kriterji għall-valutazzjoni ta' jekk il-funzjoni għall-konformità għandhiex l-awtorità li twettaq ir-responsabbiltajiet tagħha b'mod xieraq u indipendenti

Il-kriterji għall-valutazzjoni ta' jekk il-funzjoni ta' verifika tal-konformità ta' rieżaminatur estern għandhiex l-awtorità li twettaq ir-responsabbiltajiet tagħha kif suppost u b'mod indipendenti, kif imsemmi fl-Artikolu 29(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2023/2631, għandhom ikunu dawn li ġejjin:

- (a) il-korp maniġerjali tar-rieżaminatur estern ikun adotta politiki li jippermettu lill-funzjoni tal-konformità biex:
 - (i) tivvaluta l-aderenza mal-liġijiet, ir-regolamenti u l-politiki u l-proċeduri interni;
 - (ii) twettaq attivitajiet ta' konformità b'mod oġġettiv u effettiv mingħajr influwenza żejda;
- (b) mill-inqas membru wieħed tal-funzjoni għall-konformità:
 - (i) huwa ta' livell ta' anzjanità li jippermettilu jkollu aċċess dirett għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u jikkontesta d-deċiżjonijiet kummerċjali;
 - (ii) jipparteċipa fl-istrutturi tar-rieżaminatur estern inkarigat mis-sorveljanza tal-ġestjoni tar-riskju u tal-konformità regolatorja biex jiġi żgurat li l-kunsiderazzjonijiet tal-konformità jiġu inkorporati fl-istrateġija u fil-proċeduri tat-teħid tad-deċiżjonijiet tar-rieżaminatur estern.

Artikolu 4

Kriterji għall-valutazzjoni ta' jekk il-funzjoni għall-konformità għandhiex ir-riżorsi u l-għarfien espert meħtieġa

Il-kriterji għall-valutazzjoni ta' jekk il-funzjoni tal-konformità ta' rieżaminatur estern għandhiex ir-riżorsi u l-għarfien espert meħtieġa, kif imsemmi fl-Artikolu 29(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2023/2631, għandhom ikunu dawn li ġejjin:

- (a) l-għadd ta' persuni li jwettqu l-funzjoni ta' verifika tal-konformità jkun xieraq għan-natura, l-iskala u l-kumplessità tan-negozju tar-ieżaminatur estern;
- (b) il-persuni li jwettqu l-funzjoni ta' konformità kollettivament ikollhom il-ħiliet u l-esperjenza meħtieġa fil-ġestjoni tar-riskju, l-awditjar, il-liġi jew il-konformità;
- (c) il-funzjoni għall-konformità għandha sistemi li jippermettulha:
 - (i) timmonitorja u tinvestiga l-konformità tar-ieżaminatur estern;
 - (ii) tirreġistra, tirrapporta u tirrimedja s-sejbiet tal-konformità.

Artikolu 5

Kriterji għall-valutazzjoni ta' jekk il-funzjoni għall-konformità għandhiex aċċess għall-informazzjoni rilevanti kollha

Il-kriterji għall-valutazzjoni ta' jekk il-funzjoni tal-konformità ta' rieżaminatur estern għandhiex aċċess għall-informazzjoni rilevanti kollha, kif imsemmi fl-Artikolu 29(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2023/2631, għandhom ikunu dawn li ġejjin:

- (a) il-funzjoni ta' verifika tal-konformità għandha drittijiet ta' aċċess fiżiċi u diġitali għall-informazzjoni kollha meħtieġa biex dejjem twettaq il-kompiti tagħha b'mod effettiv, inkluż:
 - (i) sistemi ta' informazzjoni, bażijiet ta' data, u kotba u rekords minn funzjonijiet korporattivi u ta' kontroll, inklużi dawk legali, finanzjarji, riżorsi umani u IT;
 - (ii) il-minuti tal-laqgħat tal-korpi ta' governanza;
 - (iii) rapporti tal-awditjar intern u estern u rapporti oħra lill-maniġment superjuri, lill-korp maniġerjali jew lill-korp superviżorju;
 - (iv) rapporti tal-whistleblowers;
 - (v) l-ilmenti tal-klijenti;
 - (vi) informazzjoni dwar funzjonijiet esternalizzati lil fornitur terz ta' servizzi;
 - (vii) informazzjoni dwar l-unitajiet tan-negozju kollha ta' rieżaminatur estern li jipprovdu servizzi għajr attivitajiet ta' valutazzjoni.
- (b) il-funzjoni tal-konformità għandha aċċess fiżiku għall-bini u l-faċilitajiet tan-negozju tar-ieżaminatur estern.

Artikolu 6

Kriterji għall-valutazzjoni ta' jekk il-proċeduri amministrattivi u kontabilistiċi humiex sodi

Il-kriterji għall-valutazzjoni ta' jekk il-proċeduri amministrattivi u kontabilistiċi ta' rieżaminatur estern humiex sodi, kif imsemmi fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament (UE) 2023/2631, għandhom ikunu dawn li ġejjin:

- (a) ir-rekords miżmuma mir-rieżaminatur estern f'konformità mal-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2023/2631 jiżguraw li jkun hemm rekord tal-awditjar ċar tal-avvenimenti rilevanti kollha;
- (b) is-sistema kontabilistika tippermetti riflessjoni ġusta u preċiża tal-pożizzjoni finanzjarja tar-rieżaminatur estern u hija konformi mal-istandards u r-regoli kontabilistiċi applikabbli.

Artikolu 7

Kriterji għall-valutazzjoni ta' jekk il-mekkaniżmi ta' kontroll intern humiex sodi

Il-kriterji għall-valutazzjoni ta' jekk il-mekkaniżmi ta' kontroll intern ta' rieżaminatur estern humiex tajbin, kif imsemmi fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament (UE) 2023/2631, għandhom ikunu dawn li ġejjin:

- (a) il-mekkaniżmu ta' kontroll huwa:
 - (i) effettiv biex jissalvagwardja l-indipendenza tal-funzjonijiet ta' kontroll intern mil-linji operatorji;
 - (ii) adegwat għan-natura, l-iskala u l-kumplessità tan-negozju tar-rieżamijiet esterni;
- (b) hemm qafas ta' ġestjoni tar-riskju li jstabilixxi l-mekkaniżmi tar-rieżaminatur estern għall-identifikazzjoni, il-valutazzjoni, il-monitoraġġ, il-mitigazzjoni u r-rapportar effettivi tar-riskji kollha li jista' jkollhom impatt materjali fuq il-kapaċità ta' rieżaminatur estern li jissodisfa l-obbligi tiegħu skont ir-Regolament (UE) 2023/2631;
- (c) hemm miżuri ta' kontroll preventivi u ta' detezzjoni biex jiġu indirizzati riskji operazzjonali speċifiċi;
- (d) hemm proċeduri interni u esterni ta' informazzjoni u komunikazzjoni li jiżguraw il-fluss ta' informazzjoni rilevanti, f'waqtha u affidabbli;
- (e) proċeduri ta' monitoraġġ li jippermettu l-evalwazzjoni kontinwa tal-adegwatezza u l-effettività tal-mekkaniżmi ta' kontroll intern.

Artikolu 8

Kriterji biex jiġi vvalutat jekk l-arranġamenti ta' kontroll u salvagwardja għas-sistemi tal-ipproċessar tal-informazzjoni humiex effettivi

Il-kriterji għall-valutazzjoni ta' jekk l-arranġamenti ta' kontroll u ta' salvagwardja għas-sistemi tal-ipproċessar tal-informazzjoni ta' rieżaminatur estern humiex effettivi, kif imsemmi fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament (UE) 2023/2631, għandhom ikunu dawn li ġejjin:

- (a) tiġi implimentata struttura ta' kontroll u salvagwardja li:
 - (i) hija adatta għan-natura, l-iskala u l-kumplessità tar-rieżaminatur estern
 - (ii) tiżgura ġestjoni effettiva u prudenti tar-riskji tal-ICT;
- (b) hemm ġestjoni effettiva u prudenti tar-riskji tal-ICT li tinkludi:
 - (i) valutazzjonijiet tas-sigurtà tal-ICT u tas-sistemi tal-informazzjoni mill-inqas darba kull 24 xahar;
 - (ii) manutenzjoni u ttestjar tal-kapaċitajiet tal-ICT żejda biex tiġi żgurata l-kontinwità tan-negozju;

- (iii) valutazzjonijiet tar-riskju tal-integrazzjoni tal-ICT minn partijiet terzi, fejn applikabbli.

Artikolu 9

Kriterji għall-valutazzjoni ta' jekk l-informazzjoni użata mir-rieżaminaturi esterni għar-rieżamijiet tagħhom hijiex ta' kwalità suffiċjenti

Il-kriterji għall-valutazzjoni ta' jekk l-informazzjoni użata mir-rieżaminaturi esterni għar-rieżamijiet tagħhom hijiex ta' kwalità suffiċjenti, kif imsemmi fl-Artikolu 31(3) tar-Regolament (UE) 2023/2631, għandhom ikunu dawn li ġejjin:

- (a) l-informazzjoni tkun kompluta u tipprovdi rappreżentazzjoni komprensiva tal-proġett iffinanzjat mill-bond, inklużi biżżejjed dettalji fir-rigward tat-tip u s-settur tal-attivitatijiet ekonomiċi kkonċernati;
- (b) l-informazzjoni għandha relazzjoni diretta u ċara mal-karatteristiċi tal-bond u tipprovdi rappreżentazzjoni preċiża tal-proġett iffinanzjat;
- (c) l-informazzjoni tkun konformi mal-aktar data aġġornata disponibbli għar-rieżaminaturi esterni meta jipproduċu r-rieżami tagħhom u, fejn disponibbli u meħtieġ mill-metodoloġiji tagħhom, ikun fiha data storika;
- (d) kwalunkwe informazzjoni relatata, inklużi komputazzjonijiet, proporzjonijiet u stimi, hija bbażata fuq dikjarazzjonijiet raġonevoli.

Artikolu 10

Kriterji għall-valutazzjoni ta' jekk l-informazzjoni użata mir-rieżaminaturi esterni għar-rieżamijiet tagħhom tiġix minn sorsi affidabbli

Il-kriterji għall-valutazzjoni ta' jekk l-informazzjoni użata mir-rieżaminaturi esterni għar-rieżamijiet tagħhom tiġix minn sorsi affidabbli, kif imsemmi fl-Artikolu 31(3) tar-Regolament (UE) 2023/2631, għandhom ikunu dawn li ġejjin:

- (a) is-sors tal-informazzjoni, meta jkun meħtieġ, jipprovdi informazzjoni li tkun oġġettivament sostnuta b'evidenza;
- (b) is-sors tal-informazzjoni jkun kapaċi juri l-kredibbiltà tagħha;
- (c) is-sors tal-informazzjoni huwa akkumpanjat mid-dokumenti li ġejjin:
 - (i) dokumenti ta' sostenn li jkopru l-passi meħuda għall-ġbir u l-ipproċessar tal-informazzjoni;
 - (ii) sett komprensiv ta' dokumentazzjoni għar-reviżjoni ta' data storika, fejn applikabbli;
 - (iii) dokument li jiddeskrivi kwalunkwe limitazzjoni li tista' taffettwa l-użu tas-sors tal-informazzjoni, inklużi lakuni potenzjali fid-data u kwistjonijiet ta' traċċabbiltà;
- (d) is-sors tal-informazzjoni jipprivileġġa informazzjoni li hija soġġetta għal rekwiżit ta' divulgazzjoni bil-liġi, awditi, valutazzjonijiet tal-konformità, aċċertament indipendenti jew ċertifikazzjonijiet rikonoxxuti jew, fejn ma tkunx disponibbli, informazzjoni soġġetta għal standards applikabbli rikonoxxuti internazzjonalment, inklużi prinċipji u l-aħjar Prattiki Żviluppati minn korpi internazzjonali kredibbli li jiggwidaw kif l-informazzjoni relatata mas-sostenibbiltà jenħtieġ li titħejja, tiġi

ppreżentata jew evalwata, anki jekk ma tkunx legalment meħtieġa jew soġġetta għal awditu statutorju.

Artikolu 11

Format li għandu jiġi segwit għall-applikazzjoni għar-rikonoxximent bħala rieżaminatur estern ta' pajjiż terz

1. L-applikanti minn pajjiżi terzi li jkunu qed ifittxu rikonoxximent bħala rieżaminaturi esterni tal-Bonds Ekoloġiċi Ewropej għandhom jissottomettu l-informazzjoni msemmija fl-Annessi ta' dan ir-Regolament fil-format stabbilit f'dawk l-Annessi.
2. L-applikanti minn pajjiżi terzi għandhom jipprovdu l-applikazzjoni lill-ESMA f'format li jinqara mill-magni li jippermetti:
 - (a) l-informazzjoni għandha tibqa' aċċessibbli għal perjodu ta' żmien adegwat għall-finijiet tal-applikazzjoni;
 - (b) għar-riproduzzjoni mhux mibdula tal-informazzjoni maħżuna.
3. L-applikanti għandhom jipprovdu numru ta' referenza uniku għal kull dokument li jippreżentaw lill-ESMA. L-applikanti għandhom jiżguraw li l-informazzjoni li jissottomettu tidentifika b'mod ċar liema rekwiżit speċifiku stabbilit fl-Artikolu 23(2) u 42(3) tar-Regolament (UE) 2023/2631 tirreferi għalih u f'liema dokument tiġi pprovduta dik l-informazzjoni. L-applikanti għandhom jippreżentaw it-tabella stabbilita fl-Anness I ta' dan ir-Regolament bħala parti mill-applikazzjoni tagħhom u għandhom jidentifikaw b'mod ċar id-dokument li fih ikunu pprovdew l-informazzjoni meħtieġa.
4. Applikant li jqis li rekwiżit tar-Regolament (UE) 2023/2631 ma japplikax għall-applikazzjoni tiegħu għal rikonoxximent għandu:
 - (a) jagħmel dikjarazzjoni għal dak l-għan fit-tabella kkonċernata stabbilita fl-Anness I ta' dan ir-Regolament;
 - (b) jispjega għaliex iqis li tali rekwiżit ma japplikax.
5. L-applikanti għandhom jakkumpanjaw l-applikazzjoni tagħhom għar-rikonoxximent bħala rieżaminatur estern ta' pajjiż terz b'ittra ffirmata minn membru tal-maniġment superjuri tal-applikant, li tiċċertifika li l-informazzjoni sottomessa hija preċiża u kompluta sa fejn jaf dak il-membru, fid-data ta' dik is-sottomissjoni.
6. Ir-ieżaminaturi esterni jew l-ESMA għandhom iżommu d-data personali relatata mal-applikanti għar-rikonoxximent bħala rieżaminatur estern sakemm dan ikun meħtieġ għall-valutazzjoni tal-applikazzjoni inizjali u mhux aktar tard minn ħames snin wara li dak l-applikant ikun waqaf iwettaq il-funzjoni tiegħu.
7. Meta l-ESMA tkun irrifjutat ir-rikonoxximent tar-ieżaminatur estern applikant jew meta l-applikant jirtira l-applikazzjoni tiegħu, l-ESMA għandha iżomm id-data personali relatata ma' dak l-applikant għal perjodu ta' mhux aktar minn ħames snin wara r-rifjut tar-rikonoxximent tal-applikant jew wara l-irtirar tal-applikazzjoni.

Artikolu 12

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 12.3.2026

*Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN*